MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 7(2010), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, il-25 ta' Mejju 2010, fil-5.00 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| | |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Tindif tal-Magħluq u ħdejn il-*Waterpolo Pitch*i
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
7. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Nqraw il-Minuti tal-laqgħat nru. 5(2010) u nru. 6(2010) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Ma kien hemm xejn *arising* mill-Minuti.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Dwar it-talba tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għal kummenti dwar tibdiliet proposti għall-Avviż Legali 119 tal-2002 (Att Dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ), il-Kunsill xtaq li f'Artiklu 5(2) jiġu stipulati l-qiesen tal-posti tal-bejjiegħa tas-suq ta' fost il-ġimgħa.

**4.3** Dwar it-tweġiba ta' Transport Malta rigward l-ilment ta' Dr Brigitte Gafa' dwar ir-*road hump* f'Triq l-Arznell, il-Kunsill qabel li din titneħħa iżda li l-*pedestrian crossing* tibqa' fejn hi.

**4.4** Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sur Andreas Gerdes biex jitqiegħdu, bi prova, xi tlett *litter bins* fit-triq li tagħti għall-Ħofra ż-Żgħira sabiex min iżur dawn l-inħawi isib fejn iħalli l-iskart.

**4.5** Il-Kunsill approva t-talba tas-Sur Ray Gafa' sabiex idoqq il-mużika filgħaxija f'Xatt is-Sajjieda waqt ix-xhur tas-sajf, bil-kundizzjoni li fil-bidu tax-xahar is-Sur Gafa' jinforma 'l Kunsill f'liema ġranet u fejn bi ħsiebu jarma.

**4.6** Il-Kunsillier Cassar aċċetta li jattendi laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-politika kulturali nazzjonali li kellha ssir it-Tnejn, 31 ta' Mejju 2010.

**4.7** Rigward il-*lay-bys* proposti għall-pjazza biex jakkomodaw il-bejjiegħa tal-ġelati, il-Kunsill ma qabilx mal-proposta minħabba li kien ġa sar qbil mal-Ministru George Pullicino li dawn kellhom jiċċaqalqu. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv għal kopja tal-kundizzjonijiet li kien impona fuq is-Sur George Cutajar (Il-Parruċċan) qabel ma kien ħariġlu l-permess għall-provvista tad-dawl *Three Phase.*

**4.8** Dwar it-talba tas-Sur Oliver Lautier mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarjiet Rurali biex jitneħħew is-siġar tal-palm u s-*centre strip* li jinstabu fil-Magħluq sabiex tittaffa l-problema tal-posti għall-bejjiegħa, il-Kunsill qabel li ma jaċċettax din il-proposta. Il-Kunsill ippropona li ssir konka madwar il-palm u kurduna baxxa bejn il-konok, biex b'hekk xorta jkunu jistgħu jarmaw aktar bejjiegħa.

**5.** **<u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

**5.1** Is-Sindku nforma 'l Kunsill li l-proġett tat-tisbiħ tax-Xatt kien reġa' beda fis-17 ta' Mejju.

**5.2** Nhar il-Ħamis, 20 ta' Mejju 2010, il-Membri tal-Kunsill, kif ukoll bosta residenti, kienu attendew il-laqgħa tal-MEPA li fiha ġie approvat il-permess għall-estensjoni tal-*Power Station* ta' Delimara.

**6.** **<u>Tindif tal-Magħluq u ħdejn il-*Waterpolo Pitch*</u>**

**6.1** Il-Kunsill qabel li għandha titfassal *Bye-Law* li tirregola l-laneċ u karrijiet li jitħallew fit-toroq madwar Marsaxlokk. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jitlob għajnuna mingħand min hu inkarigat fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tiġi ppreparata din il-*Bye-Law.*

**7.** **<u>Approvazzjoni ta' Ħlasijiet</u>**

**7.1** Il-Viċi-Sindku, issekondat mill-Kunsillier Grech, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| A-Sound | Kiri ta' PA System - Jum Marsaxlokk | 185.00 |
| Adrian Caruana | Ramel għall-kaptelli | 35.00 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli tal-Magħluq u tindif tal-*litter bins* ħdejn | |
| | Binja Ħal Ġinwi, 22.02.10 - 05.04.10 (X7) | 122.29 |
| Anġlu Cutajar | Tindif tal-bandli Ġnien Ġuże' Cassar, Ġnien il-Familja u | |
| | tindif tax-Xatt, 23.02.10 - 10.04.10 (X20) | 512.40 |
| Anġlu Cutajar | Tindif ħdejn il-Waterpolo Pitch | 69.88 |

| | | |
|---|---|---|
| Anġlu Fenech - Fenech Store | *Supplies* għall-kċina u tat-tindif Jan - Apr 10 | 241.40 |
| Anġlu Fenech - Fenech Store | Boroż tal-plastik għall-*Litter Bins* | 256.00 |
| Anġlu Grech - (Tal-Milord) | Konkos, bankina Triq Melqart (0458 - 23.04.10) | 346.92 |
| Antonia Psaila | Tqassim tal-Fuljett tal-Kunsill | 80.00 |
| Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | Laqgħa tas-Sindki, 14 u 15 ta' Mejju 2010 | 212.00 |
| Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | Skema tas-saħħa, 01.05.10 - 30.04.11 | 440.00 |
| Best Print | Fuljett tal-Kunsill u *Business Cards* | 1320.90 |
| Carmel Mifsud | Tindif wara s-suq ta' nhar ta' Ħadd, Marzu u April 10 | |
| | u wara l-Festa ta' San Girgor | 2931.49 |
| Carmen Scicluna | Bibita għat-tfal wara t-*Talent Show* | 73.13 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel u petrol għall-mutur 16.04.10 | 55.00 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel u petrol għall-mutur 30.04.10 | 53.56 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 17.05.10 | 43.33 |
| Charles Schembri | Arbli u ħbula għall-Wirja tal-Artiġjanat | 188.21 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Apr 10 | 1257.26 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Apr 10 | 132.53 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Apr 10 | 606.18 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Apr 10 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Apr 10 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Apr 10 | 58.23 |
| GO | 21659555, April 10 | 19.09 |
| GO | 21652525, April 10 | 330.23 |
| GO | 21650937, April 10 | 57.49 |
| GO | 21652392, Kera Mejju 10 | 15.58 |
| GO | 21652218, Kera Apr u Mejju 10 | 11.95 |
| G4S | *Cash-in-transit* April 10 | 30.44 |
| Geoffrey Montesin - Valley Pet Shop | Qsari kbar għal Triq Sta Katerina | 105.00 |
| Geoffrey Montesin - Valley Pet Shop | Qasrija għall-Pjazza | 28.80 |
| Għaqda Mużikali Pompei | Jum Marsaxlokk, Programm ta' Mużika | 2093.00 |
| Greenlines Environmental Services | 6 Mobile Toilets, Festa ta' San Girgor | 247.80 |
| J & A General Operations | Trasport - ħarġa għal Buġibba 14.04.10 | 82.60 |
| J & A General Operations | Trasport - ħarġa għall-Birgu 28.04.10 | 70.80 |
| J.J. Ironmongery | Kiri ta' 7 mwejjed għall-Wirja tal-Artiġjanat | 57.75 |
| Jason Gauci | Gazzetti Apr 10 | 82.50 |
| John Camilleri | 12-il *Steel Swivel Bushes* għall-bandli tal-Magħluq | 164.00 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Mirja u arbli | 218.50 |
| Kummissarju tal-Pulizija | *Extra Duty* San Girgor | 76.52 |
| Media.Link Communications | Avviżi San Girgor | 135.93 |
| Merlin Library | Kotba għall-Librerija | 183.60 |
| Miller Distributors | Kotba għall-Librerija | 56.29 |
| Neptune Pools Limited | *Chlorine*għall-vaska Ġnien il-Familja | 84.00 |
| Patrick Cellars | Ilma | 28.00 |
| Roc-a-go | Skip ħdejn Is-Sajjied Restaurant 14.04.10 | 54.97 |
| Roc-a-go | Skip Triq Melqart 15.04.10 | 54.97 |
| Sandro Vella | Kiri ta' siġġijiet - Jum Marsaxlokk | 87.32 |
| Schembri Concrete Blocks | Kurduni Triq Melqart | 139.59 |
| Sigma Coatings | Żebgħa tat-toroq bajda | 126.00 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* u *cartridge* | 144.83 |
| Smart Office Supplies | *Stationery* u *cartridge* | 120.31 |

| | | |
|---|---|---|
| Standard Publications | Avviż Jum Marsaxlokk | 74.76 |
| Stefan Grech | Tiswijiet ta' żewġ kompjuters tal-Internet Centre | 187.00 |
| TM Ironmongery | *Supplies* tal-manutenzjoni u tiswijiet | 288.67 |
| WasteServ | *Landfill Tipping Fees* Mar 10 | 1673.63 |
| Water Services Corporation | Konsum attwali ta' dawl u ilma 17.07.09 - 27.01.10 fl-Uffiċċju Amministrattiv | 686.43 |
| | **Total** | **€22049.15** |

**7.2** Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**8.** **<u>Affarjiet Oħra</u>**

**8.1** Rigward l-approvazzjoni tal-applikazzjoni għall-estensjoni tal-*Power Station,* il-Viċi-Sindku, issekondat mill-Kunsillier Cassar, ippropona li l-Kunsill, wara li jirċievi n-notifika tad-deċiżżjoni mingħand il-MEPA, jappella kontra din id-deċiżżjoni. Il-proposta giet aċċettata b'erbgħa voti favur u astensjoni waħda (tal-Kunsillier Pomroy).

**8.2** Il-Viċi-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jistaqsi 'l MEPA jekk meta jittellgħu ċnut madwar *plots* mhux mibnija, dawn kellhomx jittellgħu mal-*official building alignment* jew mal-*property alignment.*

**9.** Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2010.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**